MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2010

Appell Kriminali Numru. 344/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Mario Said**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-31 t’Ottubru, 2003, u/jew fil-jiem ta’ qabel fi Triq Patri Pelagju Mifsud, Zebbug :

1. bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi izda biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, iddemolixxa hajt propjeta’ ta’ Pawlu u Rocco Caruana fl-imsemmija Triq;
2. ikkommetta serq ta’ gebel propjeta’ ta’ Pawlu u Rocco Caruana li l-valur taghhom ta’ madwar LM12;
3. volontarjament ghamel hsara li ma taqbiz il LM50 ghad-dannu ta’ l-istess Paul u Rocco Caruana.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Settembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 85, 284, 325(1)(2) tal-Kodici Kriminali, sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu w ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' €240. Rat ukoll l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali w ikkundannatu li jhallas is-somma ta' €1197 spejjez inkorsi fil-hatra tal-periti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta' Settembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza appellata w minn din l-imputazzjoni tiddikjarah mhux hati w tilliberah skond il-ligi w minghajr pregudizzju fil-parti tal-piena tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti w cioe':-

1. Illi s-sentenza moghtija hija nulla stante li s-sentenza hija nieqsa milli tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati w dan inter alia ai termini tal-artikolu 382 tal-Kap. 9;
2. Illi dawn ir-reati li taghhom gie misjub hati l-appellant ma rrizultax minhabba li ma giex ipprovat ghas-sodisfazzjoni tal-prova rikjesta mill-ligi lit rid tkun cara w inekwivoka. Illi sahansitra l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova d-data w il-hin (anke forsi approssivament ta' meta gara l-incident);
3. Illi kif ukoll mill-provi kollha mressqa ma tezisti ebda prova wahda, kemm diretta kif ukoll cirkostanzjali, li b'xi mod twassal jew tipponta lejn il-htija ta' l-appellant. Il-provi migjuba kienu li xi cnagan minn go hajt, go triq accessabbli mill-pubbliku, tnehhew u tpoggew fil-genb. Ma tresqet ebda prova ohra diretta, nghidu ahna okulari jew mod iehor lid an l-att gie mwettaq mill-appellant. Fin-nuqqas ta' prova diretta l-prosekuzzjoni, lanqas kienu f'posizzjoni li jressqu xi prova cirkostanzjali biex isibu l-htija fl-appellant. Il-post fejn gara l-incident huwa miftuh

ghall-pubbliku w ghalhekk l-att seta' twettaq minn kull minn ghadda mill-imsemmi post;

4. Ili lanqas gie stabbilit li l-appellant kien fl-inhawi fil-hin ta' l-incident jew fi zmien iehor. L-appellant dejjem sahaq l-innocenza tieghu f'dan il-kaz. Dan kollu johrog car mix-xhieda tal-parte civile li fir-realta' ma kellhomx hjiel ta' min kien li wettaq dan l-att fil-konfront taghhom. In aggunta l-periti legali Dr. Joe Buttigieg, in ezami tar-rapport peritali, meta mistoqsi direttament jindika abbazi ta' liema prova diretta jew cirkostanzjali wasal ghal konkluzjoni tieghu dan ma seta' jindika ebda prova ta' din ix-xorta;

5. Illi inoltre l-prova tas-serq tac-cnagan ma tirrizultax billi dawn ic-cnagan instabu ma genb l-istess hajt u ir-reat ta' serq ma jirrizultax billi jonqsu l-element essenzjali sabiex jissusisti r-reat tas-serq. Dawn baqghu fuq il-post fejn kienu. Di piu' ma tresqet ebda prova tal-valur tal-oggetti hekk allegatament misruqa;

6. Illi dan in-nuqqas assolut ta' provi kemm diretti kif ukoll cirkostanzjali, ghandu jimmilita favor l-appellant u ghandu jigi liberat mill-akkuzi kontra tieghu;

7. Illi huwa kontradittorju ghall-ahhar kif l-Ewwel Qorti, w dan qed jinghad bl-akbar rispett, kif sabet lill-appellant hati ta' ragion fattasi w serq fl-istess hin meta dawn iz-zewg reati ma jistghux jezistu ma' xulxin ghax jew ghandek intenzjoni li tieghu dak li qed tippretendi tieghek jew inkella l-akkuzat ikollu intenzjoni li jisraq dak li hu jaf li mhux tieghu. Il-Qorti trid tasal ghal konkluzzjoni wahda jew l-akkuzat kellu intenzjoni jaghmel tieghu dak li qed jippretendi li huwa tieghu jew inkella li kellu l-intenzjoni li jisraq dak li mhux tieghu. It-tnejn f'daqqa ma jistghux jezistu. Dan il-kunflitt ghandu jimmilita wkoll favor in-nuqqas ta' htija tal-appellant;

8. Illi din il-piena nflitta hija eccessiva tenut kont in-natura w ic-cirkostanzi tal-kaz u li kien hemm diversi pieni w sanzjonijiet ohra li setghu jigu applikati f'dan il-kaz.

Ikkunsidrat :

Il-kwistjonijiet li jridu jigu ventilati minn din il-Qorti f'din il-kawza huma s-segwenti :-

1. ghandhix thassar, tirrevoka jew tannulla l-ewwel sentenza tal-Qorti tal-Magistrati minhabba f’difett ai termini tal-artikolu 382 tal-Kap. 9;
2. jistghux jissustissu fl-istess hin l-akkuza tar-reat ta’ serq u dik ta’ ragjon fattasi;
3. Sa fejn il-provi jistghu jwasslu ghar-realta’ ta’ reat jew iehor.

Ikkunsidrat :

Ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 382 tal-Kap. 9 jidher illi hemm qbil bejn id-difiza w il-prosekuzzjoni illi s-sentenza fiha mankament li jwassal ghas-sanzjoni ta’ nullita’ kif dispost fl-artikolu fuq imsemmi.

B’nota pprezentata fl-24 ta’ Mejju, 2010 (fol. 155) l-Avukat Generali qabel mat-tezi tad-difiza meta jiddikjara “jidher li verament is-sentenza tal-Ewwel Qorti datata 24 ta’ Settembru, 2009 hija difettuza ai termini tal-artikolu 382 tal-Kap. 9”. Dan id-difett jirrisali ghal nuqqas tal-Ewwel Qorti illi jiddikjara liema sub-paragrafu (a), (b), (c) jew (d) tal-artikolu 325 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandhom japplikaw ghal dan il-kaz.

L-Ewwel Qorti semmiet l-artikolu 325 (1) b’mod generali w inkludiet ukoll is-sub-inciz (2) tal-istess arttikolu li m’ghandu x’jaqsam xejn ma din il-kawza peress illi m’hemmx indikat li l-proprjeta’ allegatament imhassra, danneggjata jew mgharqa hi ta’ indoli jew ta’ importanza geologika, palentologika, arkeologika, arkitetonika, artistika jew inkellha storika. Dan in-nuqqas jammonta ghall-nuqqas ta’ formalita’ sostanzjali li jwassal ghan-nullita’ tas-sentenza appellata. Apparti s-sentenzi kkwotati mill-appellant, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza l-Pulizija vs George Camilleri moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta’ Gunju, 1995 *“l-indikazzjoni zbaljata tal-artikolu tal-Ligi li jikkontempla r-reat li tieghu persuna tkun giet misjuba hatja, gie dejjem ekwiparat fil-gurisprudenza man-nuqqas ta’ tali indikazzjoni ghall-finijiet tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Dan hu nuqqas ta’ formalita’ sostanzjali li jgib bhala konsegwenza n-nullita’ tas-sentenza appellata w is-smiegh mill-gdid fil-meritu tal-*

*Qorti tal-Appell Kriminali fit-termini tal-artikolu 428 (3) tal-imsemmi kodici.*

Ma hemm xejn x'jinghad iktar fuq din il-kwistjoni hlief li tilqa' parti mill-appell tal-appellant u thassar u tirrevoka w tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-24 ta' Settembru, 2009 u tghaddi biex tikkonsidra l-vertenzi l-ohra msemmija fil-bidu ta' dan il-gudikat.

Ikkunsidrat :

It-tieni punt x'jigi kkunsidrat huwa sa fejn Qorti tista' ssib persuna hatja ta' ragion fattasi w ta' serq fl-istess hin. L-appellant jikkontendi illi dan ma jistax ikun, dejjem jekk si tratta ta' l-istess reat, l-istess oggett u l-istess hin.

Hawn ukoll hemm qbil bejn l-appellant u l-Avukat Generali fejn in-nota fuq imsemmija tal-24 ta' Mejju 2010 l-Avukat Generali "isibha difficli ferm jifhem kif l-appellant jinstab hati ta' l-akkuzi kollha meta r-reati ta' ragion fattasi, hsara volontarja w serq huma distinti minn xulxin."

Sfortunatament l-Ewwel Qorti m'ghamlitx din id-distinzjoni w qabdet u sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu.

Issa huwa minnu illi skond l-artikolu 476 (2) jekk persuna fuq akkuza ta' serq sew jekk semplici jew ikkwalifikat tigi misjuba mhux hatja ta' dik l-akkuza tista' tigi ddikjarata hatja ta' mizappropriazzjoni ta' dak l-oggett jew tar-ricettazzjoni jekk ikun hemm provi ta' dan. Dan l-artikolu jippostula alternattivi ghas-serq, mizappropriazzjoni w ricettazzjoni w ma jsemmi l-ebda reat iehor. Senjament ir-reat ta' ragion fattasi ma jiffigurax f'dawn l-alternattivi. Kien ghalhekk li fic-citazzjoni originali l-appellant kien addebitat b'akkuzi differenti ta' serq u ragion fattasi w l-Ewwel Qorti kellha tarbel sew ix-xhieda migjuba quddiemha w tiddeciedi dwar reat jew iehor izda mhux it-tnejn flimkien.

Ghalhekk il-Qorti taqbel ma l-argument migjuba mill-appellant u mill-Avukat Generali w issa sejra tarbel il-provi

prodotti w tara sa fejn dawn jistghu jwasslu jew ghas-serq jew inkella ghar-ragion fattasi jew addirittura ghall-liberatorja tal-imputat jekk ma jwasslu mkien.

Ikkunsidrat :

Peress illi din il-kawza kellha indoli teknici l-Ewwel Qorti nnominat b'digriet tal-4 ta' Novembru, 2005 perit tekniku bl-assistenza ta' wiehed legali.

Il-perit legali Dr. Joseph Buttigieg u l-perit tekniku Godwin Abela pprezentaw u halfu r-relazzjoni taghhom fit-23 ta' Novembru 2007.

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu, jirrizulta illi bejn l-appellant Mario Said u Rokku Caruana hemm hajt illi jifred il-propritajiet taghhom fi Triq Patri Pellagju, Haz-Zebbug.

Rokku Caruana ilmenta minn problemi ma' l-appellant meta jallega illi l-appellant dahal fil-proprjeta' tieghu. Parti mill-hajt tal-gardina illi jifred din il-proprjeta' waqa' w l-haddiema ta' Rokku Caruana regghu tellghuh, pero' rega' twaqqa' w il-gebel ittiehed.

Rokku Caruana jghid testwalment *"ma rajtx min ghamel hekk pero' rajt il-gebel li ttiehed taht il-hajt stess go karru ta' Mario Said, quddiem il-bieb tal-garage ta' Mario Said."* Xehed ukoll li l-valur tal-gebel kien LM12 u trid spiza ta' LM 50 biex jerga' jittellgha.

Fir-relazzjoni taghhom paragrafu 21 (page 52) il-periti jghidu *"l-esponenti huma tal-fehma illi, skond l-artikolu 410 (2) tal-Kap. 16 il-hajt in kwistjoni jappartjeni interament lill-parti civili ........"*

Verament il-Qorti jidhrilha illi l-periti marru oltre l-inkarigu lilhom moghti peress illi huma kellhom jaraw biss kienx hemm il-pussess fis-sens tar-reat ta' ragion fattasi izda mhux jidhlu fil-kwistjoni tal-proprjeta' o meno tal-hajt, peress illi dina hija kwistjoni purament civili li trid tigi trattata bejn il-partijiet f'Qorti ohra, pero' hi x'inhi, l-periti

waslu ghall-konkluzzjoni li l-appellant kellu jinstab hati tar-reati addebitati lilu.

L-Ewwel Qorti qadet fuq din il-konkluzzjoni w sabet lill-appellant hati kif inghad.

Ikkunsidrat :

Huwa ben assodat fil-gurisprudenza illi relazzjoni teknika minn periti mqabbda mill-Qorti ma tigix skartata b'mod legger, izda ghandhom jinghataw ragunijiet sodi ghal tali skartar bhal relazzjoni ohra li tmeri l-ewwel wahda minn periti addizjonali mqabbda mill-istess Qorti.

Ghad illi f'dan il-kaz ma gewx imqabbda periti addizjonali, din il-Qorti jidhrilha illi m'ghandix toqghod fuq il-konkluzzjonijiet tal-perit nominat mill-Ewwel Qorti permezz tad-digriet tal-4 ta' Novembru 2007 principalment il-ghaliex m'ghamlux distintzjoni bejn ir-reat ta' serq u ragion fattasi u qabdu u allokaw it-tort kollu ta' kollox lill-appellant. Ghad illi minn naha taghhom interpretaw korrettament l-artikolu 638 (2) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat :

Huwa vera illi f'din il-kawza l-unika xhud, apparti provi ohra dokumentarji, kien Rokku Caruana. Dana b'mod onest, ghamilha cara illi huwa ma ra lil hadd jiehu l-gebel izda ra biss il-gebel fil-karru ta' Mario Said quddiem il-bieb tal-garage tal-istess Mario Said.

L-appellant hawnhekk sahaq illi l-Ewwel Qorti kellha tilliberah mill-imputazzjonijiet kollha tieghu peress illi ma kienx hemm provi diretti fil-konfront tieghu w dawk cirkostanzjali ma kienux se jwasslu ghand l-appellant peress illi dan il-hajt kien jinstab fi sqaq pubbliku accessibbli ghal kulhadd.

Ikkunsidrat :

Jibda biex jinghad illi jekk Rokku Caruana jigi emnut allura f'dan il-kaz ix-xiehda tieghu tiswa sabiex torbot il-Qorti

ghal decizjoni ta’ reata’ fil-kuntest tal-artikolu 638 (2) tal-Kap. 9.

Din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni bhal ma wkoll waslu l-periti legali illi Rokku Caruana huwa bniedem verosimili u ta’ min joqghod fuqu.

Il-Qorti ma ssib l-ebda raguni l-ghala ghandha tiddubita mill-verzjoni minnu moghtija. Ghalhekk sa dan il-punt taqbel mall-appellant illi ma hemm l-ebda prova diretta illi torbot lilu mar-reati msemmija. Pero’ l-Qorti targumenta illi mhux dejjem jista’ jkun hemm provi diretti sabiex iwasslu ghall-kundanna ta’ imputat jew iehor. Hadd m’hu sejjer javza l-intenzjonijiet tieghu minn qabel, aktar u aktar, jekk dawn l-intenzjonijiet ikunu ta’ indoli kriminali.

Ghalhekk il-Qorti trid taqa’ fuq il-provi cirkostanzjali li huma importanti daqs il-provi diretti taht kondizzjoni wahda pero’ li jwasslu ghall-konkluzzjoni wahda w wahda biss.

Jekk dawn il-provi jippostulaw diversi konkluzzjonijiet allura ma jfissru xejn u ma jistghux iwasslu ghall-htija fil-konfront ta’ min qed jigi akkuzat.

Il-provi cirkostanzjali li ghandna f’din il-kawza huwa illi l-parti civili, Rokku Caruana, ra l-gebel li ttiehed mill-hajt fuq karru tal-appellant u quddiem il-bieb tal-garage tal-appellant.

Il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni illi din il-prova hija bizzejjed biex tipponta subgha lejn l-appellant.

Minkejja illi l-hajt huwa fuq sqaq u accessibbli ghall-pubbliku, hadd m’hu sejjer jiehu dan il-gebel u jpoggih f’karru ta’ haddiehor u jhallih wara l-bieb ta’ haddiehor. Stante l-kwistjonijiet li kien hemm bejn l-appellant u l-parti civili, kien l-appellant li kellu l-interess illi jaghmel dan u la l-gebel instab fuq karru tieghu quddiem il-bieb tal-garage tieghu, kwindi l-Qorti tista b’sigurta’ tasal ghall-konkluzzjoni illi kien l-appellant illi ha dak il-gebel.

B'dana stabbilit il-Qorti trid tara jekk it-tehhied tal-gebel iwassalx ghar-reat ta' serq jew inkella ta' ragion fattasi.

Ikkunsidrat :

Kif gia inghad, bejn il-partijiet hemm kwistjoni civili dwar il-hajt inkwistjoni, u cioe' jekk il-hajt jappartjenix lil parti jew ohra jew komuni w jekk parti invadietx xi proprjeta' ta' haddiehor. Jidher illi Rokku Caruana w l-appellant mhumiex qeghdin jaqblu dwar il-posizzjoni legali ta' dan il-hajt u t-tnejn jikkontendu li ghandhom drittijiet fuqu.

Skond il-kawza l-Pulizija vs Reno Micallef tas-6 ta' Gunju 1995, il-Qorti qalet
*"l-elementi kostitwittivi tar-reat ta' ragion fattasi taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali huma erba' w cioe'*
*a. att esterna li jispolja lil xi hadd minn haga li tkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwiet kontra l-opposizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-haddiehor;*
b. *il-gredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;*
c. *il-koxjenza fl-agent illi hu qieghed jaghmel (di privato braccio) dak illi jmissu jsir permezz ta' awtorita' pubblika (jew, fi kliem il-Clivellari "la persuazione di fare da se c'io' che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato");*
d. *in-nuqqas ta' titolu li jrendi l-fatt aktar gravi."*

Dawn l-elementi kostitwivi kollha jiffiguraw fl-operat tal-appellant. Jippretendi drittijiet legali fuq il-hajt illi kien fil-pussess tal-parti civili w rreklama "di privato braccio" voldiri ghamel b'idejh dak illi missu rreklama bl-opra tal-Magistrat.

Darba jissostissu dawn l-elementi l-appellant ghandu jinstab hati biss ta' reat wiehed, dak ta' ragion fattasi u mhux taz-zewg akkuzi l-ohra imsemmija fic-citazzjoni.

L-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha wkoll ordnat illi l-appellant kellu jhallas l-ispejjez tal-perizji fil-kuntest tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Minkejja hadd mill-partijiet ma semmiha, l-Qorti tirrileva illi biex imputat jigi tenut ihallas spejjez ta' perizja jridu jirrikorru zewg kondizzjonijiet :-

1. li l-kawza ssir mill-Pulizija ex officio;
2. irid ikun hemm talba ghal daqshekk mill-prosekutur.

Fil-fatt l-artikolu 533 isemmi testwalment
*"Meta l-kawza ssir mill-Pulizija ex officio w jekk il-prosekutur jaghmel talba ghal daqshekk, il-Qorti ghandha, meta taghti s-sentenza, jew f'kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati ....... tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti ......"*

F'din il-kawza l-prosekuzzjoni jidher li ma ghamlitx talba sabiex il-hati jkun ikkundannat ihallas l-ispejjez, kwindi l-Ewwel Qorti ma setghetx ex officio tordna illi l-appellant ihallas ukoll l-ispejjez tal-perizja.

Ghaldaqstant din il-Qorti taqta' w tiddeciedi illi ma ssibx lill-appellant hati tat-tieni w it-tielet akkuzi w minnhom tilliberah izda ssibu hati tal-ewwel akkuza w wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tikkundanna lill-appellant ghall-multa ta' erba' mitt Euro (€400).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------